# Animazzjoni - Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illum il-Knisja tiċċelebra s-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu. Il-liturġija tistedinna sabiex inħossu fina l-ferħ tal-fidi tagħna li ssostni ruħha permezz ta' dawn l-ispeċi Ewkaristiċi.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma nisimgħu dwar l-importanza tal-Ispeċi tal-ħobż u l-inbid. San Pawl jikteb li kull meta niċċelebraw l-Ewkaristija aħna nkunu qed inxandru l-mewt u l-qawmien tal-Mulej. Fl-Evanġelju naraw lil Ġesù jużа il-ħobż u l-ħut biex ixebba' lill-folla miġbura. Permezz ta' dan il-miraklu huwa kompla jikkonferma li huwa l-Iben ta' Alla.

Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek.

**Offertorju:**

Kristu ħallielna ġismu u demmu biex aħna ngawdu minnhom. Ejjew inroddu ħajr lil Alla ta' dan id-don hekk kbir u tal-għaġeb permezz ta' dawn l-offerti tagħna li ser jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-ħobż ħaj nieżel mis-sema jsostni lil dawk kollha li bil-ferħ u l-qima jersqu biex jirċevuh. Ejjew aħna wkoll nersqu biex induqu minn dan il-ħobż li jagħtina l-ħajja u d-demm li jagħtina l-fidwa. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.